

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 65/2014

tal-1 ta' Ottubru 2013

li jissupplimenta lid-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol it-tikkettar enerġetiku tal-fran domestiċi u l-estratturi tal-kukers

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' tikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2010/30/UE teżiġi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati fejn jidħol it-tikkettar ta' prodotti relatati mal-enerġija b'potenzjal sinifikanti li jiffrankaw l-enerġija u li għandhom differenzi kbar fil-livelli tal-prestazzjoni b'funzjonalità ekwivalenti.
- (2) L-enerġija li jużaw il-fran tal-elettriku hija parti sinifikanti mid-domanda totali tal-enerġija fl-Unjoni. Apparti t-titjib li diġà ntlaħaq fl-effiċjenza enerġetika, għad hemm lok sostanzjali biex jibqa' jonqos il-konsum tal-enerġija ta' dan l-apparat.
- (3) Ġew stabbiliti dispożizzjonijiet għat-tikkettar enerġetiku tal-fran tal-elettriku domestiċi mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/40/KE tat-8 ta' Mejju 2002 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE rigward it-tikkettar li jindika l-konsum tal-enerġija tal-fran tal-elettriku domestiċi ⁽²⁾.
- (4) Tul l-aħħar snin sar żvilupp teknoloġiku mgħaġġel fil-qasam tal-apparat domestiku tat-tisjir. L-istudji preparatorji wrew li l-fran tal-gass domestiċi u l-estratturi tal-kukers għandhom potenzjal sinifikanti li jiffrankaw l-enerġija. Sabiex ikun żgurat li t-tikketti tal-enerġija jagħtu

inċentivi dinamiċi lill-fornituri biex jibqgħu jtejbju l-effiċjenza enerġetika ta' dan l-apparat u jħaffu l-bidla fis-suq għal teknoloġiji effiċjenti fl-enerġija, id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/40/KE għandha titneħħa u jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet ġodda.

- (5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-fran tal-elettriku u tal-gass domestiċi, inkluż meta jkunu inkorporati fil-kukers, u għall-estratturi tal-kukers domestiċi li jaħdmu bl-elettriku.
- (6) Dan ir-Regolament għandu jdaħħal skala riveduta tal-effiċjenza enerġetika minn A⁺⁺⁺ sa D għall-fran kollha kkonċernati u skala ġdida tal-effiċjenza enerġetika minn A sa G bi "+" miżjuda fin-naħa ta' fuq tal-iskala kull sentejn sa ma tintlaħaq il-klassi A⁺⁺⁺ għall-estratturi tal-kukers domestiċi, dawn il-klassijiet ulterjuri għandhom jiżdiedu biex l-apparat effiċjenti ħafna jippenetra s-suq aktar malajr.
- (7) L-effett magħqud tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, u fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 66/2014 ⁽³⁾ mistenni jwassal biex tiġi ffrankata 27 PJ/a ta' enerġija primarja fl-2020, u sa 60 PJ/a sal-2030.
- (8) Il-livell tal-qawwa tal-ħoss tal-estratturi tal-kukers domestiċi jista' jkun fattur importanti li għandhom iqisu l-utenti aħħarin. L-informazzjoni dwar il-livelli tal-qawwa tal-ħoss għandha titqiegħed fuq it-tikketti tal-estratturi tal-kukers domestiċi biex l-utenti aħħarin ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata.
- (9) L-informazzjoni li tingħata fuq it-tikketta għandha tinkiseb bi proċeduri tal-kejl u l-kalkolu li jkunu affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, u li jqisu l-aqwa metodi tal-kejl u l-kalkolu rikonoxxuti inkluż, meta disponibbli,

⁽¹⁾ ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 128, 15.5.2002, p. 45.⁽³⁾ Ara paġna 33 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

l-istandards armonizzati li adottaw l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, kif elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea ⁽¹⁾.

- (10) Dan ir-Regolament għandu jspecifika disinn u kontenut uniformi għat-tikketti tal-fran domestiċi, anki meta jkunu inkorporati fil-kukers, u tal-estratturi tal-kukers domestiċi li jaħdmu bl-elettriku.
- (11) Dan ir-Regolament għandu jspecifika r-reqwiziti għad-dokumentazzjoni teknika u l-iskeda tat-tagħrif għall-fran domestiċi, anki meta jkunu inkorporati fil-kuker, u għall-estratturi tal-kukers domestiċi li jaħdmu bl-elettriku, anki meta jintużaw għal skopijiet mhux domestiċi.
- (12) Dan ir-Regolament għandu jspecifika r-reqwiziti għall-informazzjoni li trid tingħata għal kull għamla ta' bejgħ mill-bogħod, riklamar u materjal tekniku ta' promozzjoni tal-fran domestiċi (anki meta jkunu inkorporati fil-kukers) u tal-estratturi tal-kukers domestiċi li jaħdmu bl-elettriku, anki meta jintużaw għal skopijiet li mhumiex domestiċi.
- (13) Jixraq ikun hemm provediment għal reviżjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li tqis il-progress teknoloġiku, u b'mod partikolari l-effikaċja u l-adegwatezza ta' dan l-approċċ segwit, sabiex jinstabu l-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika għall-fran domestiċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jstabbilixxi r-reqwiziti għat-tikkettar u d-dispożizzjoni tal-informazzjoni supplimentarja dwar il-prodott għall-fran tal-elettriku u tal-gass domestiċi (anki meta jkunu inkorporati fil-kukers) u għall-estratturi tal-kukers domestiċi li jaħdmu bl-elettriku, anki meta jintużaw għal skopijiet li mhumiex domestiċi.
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:
 - (a) fran li jużaw sorsi oħra tal-enerġija flok l-elettriku jew il-gass;
 - (b) fran li joffru l-funzjoni li "jsaħħan bil-microwave";
 - (c) fran żgħar;
 - (d) fran portabbli;
 - (e) fran li jaħdmu bil-ħżin tas-sħana;
 - (f) fran li jissaħħnu bil-fwar bħala l-mezz ewlieni tat-tisħin tagħhom;
 - (g) fran maħsubin biex jaħdmu biss bil-gassijiet tat-"tiolet familja" (il-propan u l-butan).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/30/KE, għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "forn" tfisser apparat jew parti minnu li jkollhom kavità waħda jew aktar u biex jaħdmu jeħtieġu l-elettriku u/jew il-gass u fihom jitħejja l-ikel fil-modalità Konvenzjonali jew fil-modalità Fann mixgħul;
- (2) "kavità" tfisser kompartiment magħluq li t-temperatura ta' ġo fih tista' tiġi kkontrollata għall-preparazzjoni tal-ikel;
- (3) "forn b'diversi kavitajiet" tfisser forn b'żewġ kavitajiet jew aktar u kull waħda minnhom tissaħħan għaliha;
- (4) "forn żgħir" tfisser forn b'kull kavità tkun wiesgħa u fonda inqas minn 250 mm jew għolja inqas minn 120 mm;
- (5) "forn portabbli" tfisser forn b'massa tal-prodott inqas minn 18 kg, sakemm ma jkunx iddisinjat għal installazzjonijiet inkorporati;
- (6) "isaħħan bil-microwave" tfisser li jsaħħan l-ikel bl-enerġija elettromanjetika;
- (7) "modalità Konvenzjonali" tfisser il-modalità ta' forn li jkun qed jaħdem biss bil-konvezzjoni naturali biex jiċċirkola arja msaħħna fil-kavità tal-forn;
- (8) "modalità Fann mixgħul" tfisser il-modalità ta' forn meta l-fann inkorporat fih ikun qed jiċċirkola arja msaħħna fil-kavità tal-forn;
- (9) "ċiklu" tfisser il-perjodu tat-tisħin ta' tagħbija standard f'kavità tal-forn f'kundizzjonijiet definiti;
- (10) "kuker" tfisser apparat li jkun fih forn u ħobb li jużaw il-gass jew l-elettriku;
- (11) "modalità Mħaddem" tfisser il-qagħda ta' forn meta jkun qed jintuża;
- (12) "sors tas-sħana" tfisser forma ewlenija tal-enerġija biex jissaħħan il-forn;
- (13) "estrattur tal-kukers" tfisser apparat li jaħdem b'mutur li huwa stess jikkontrolla, maħsub biex jiġbor l-arja kkontaminata minn fuq il-ħobb, jew li jkun fih sistema ta' estrazzjoni tal-arja l'isfel maħsuba biex tiġi installata ħdejn estratturi tat-tisjir, ħobb jew prodotti simili fit-tisjir li jiġbdu l-fwar f'pajp tal-eżost intern.
- (14) "modalità Funzjonament awtomatiku waqt il-perjodu tat-tisjir" tfisser qagħda li fiha l-fluss tal-arja tal-estrattur tal-kukers waqt il-perjodu tat-tisjir jiġi kkontrollat awtomatikament bis-senser(s), anki fejn jidħlu l-umdità, it-temperatura, eċċ;
- (15) "estrattur tal-kukers kompletament awtomatiku" tfisser estrattur tal-kukers li fih il-fluss tal-arja u/jew funzjonijiet oħra jiġi kkontrollat awtomatikament bis-senser(s) matul il-ġurnata kollha anki waqt il-perjodu tat-tisjir;

⁽¹⁾ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

- (16) "il-punt tal-effiċjenza massima" (BEP) tfisser il-punt tat-taddim tal-estrattur tal-kukers li jkollu effiċjenza fluwidodinamika massima (FDE_{estrattur});
- (17) "effiċjenza tat-tidwil" (LE_{estrattur}) tfisser il-proporzjon bejn il-luminazzjoni medja tas-sistema tat-tidwil tal-estrattur tal-kukers domestiku u l-enerġija tas-sistema tat-tidwil flux/W;
- (18) "effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet" (GFE_{estrattur}) tfisser l-ammont relattiv ta' grass li jinqabad fil-filters tal-grass tal-estratturi tal-kukers;
- (19) "modalità Mitfi" tfisser qagħda li fiha t-tagħmir ikun imqabbd mal-mejnijiet tal-elettriku imma ma jkun qed jipprovi l-ebda funzjoni jew jipprovi biss indikazzjoni ta' qagħda ta' modalità Mitfi, jew jipprovi biss funzjonalitajiet maħsuba biex jiżguraw kompatibilità elettromanjetika skont id-Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾;
- (20) "modalità Stennija" tfisser qagħda li fiha l-apparat ikun imqabbd mal-mejnijiet tal-elettriku, jiddependi fuq l-input tal-enerġija mill-mejnijiet tal-elettriku biex ikun jista' jaħdem kif suppost u jagħti l-funzjoni biss ta' riattivazzjoni, jew il-funzjoni ta' riattivazzjoni u indikazzjoni biss li l-funzjoni ta' riattivazzjoni hija attivata, u/jew turija tal-informazzjoni jew tal-istatus li tista' ddm żmien indefinit;
- (21) "funzjoni ta' riattivazzjoni" tfisser funzjoni li tiffaċilita l-attivazzjoni ta' modalitajiet oħra, inkluża l-modalità attiva, bi swiċċ mill-bogħod, inkluż il-kontroll mill-bogħod, senser intern, jew kronometru għal qagħda li tagħti funzjonijiet addizzjonali, inkluża l-funzjoni ewlenija;
- (22) "turija tal-informazzjoni jew tal-istatus" tfisser funzjoni kontinwa li tagħti informazzjoni jew turi l-istatus tat-tagħmir fuq skrin, inklużi l-arloġġi;
- (23) "utent aħħari" tfisser konsumatur li jixtri prodott jew li jkun mistenni jixtrih;
- (24) "post tal-bejgħ" tfisser post fejn jintwera l-apparat u/jew fejn jitqiegħed għall-bejgħ jew għall-kiri;
- (25) "mudell ekwivalenti" tfisser mudell li jitqiegħed fis-suq bl-istess parametri tekniċi bħal mudell ieħor li l-istess manifattur jew importatur iqiegħed fis-suq b'numru tal-kodiċi kummerċjali differenti.
- (i) kull forn domestiku jkollu tikketta/i stampata bl-informazzjoni fil-format stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III għal kull kavità tal-forn;
- (ii) kif jistabbilixxi l-punt A tal-Anness IV, tkun disponibbli skeda tat-tagħrif tal-prodott għall-fran domestiċi li jitqiegħdu fis-suq;
- (iii) kif jistipula l-punt A tal-Anness V, id-dokumentazzjoni teknika tkun disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri meta jitolbuha;
- (iv) kull riklam ta' mudell speċifiku ta' forn domestiku jkun fih il-klassi tal-effiċjenza enerġetika, jekk ir-riklam jagħti informazzjoni relatata mal-enerġija jew il-prezz;
- (v) xi materjal tekniku ta' promozzjoni dwar mudell speċifiku ta' forn domestiku li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu, inkluża l-klassi tal-effiċjenza enerġetika ta' dak il-mudell;
- (vi) tikketta elettronika fil-format u bl-informazzjoni stabbilita fil-punt 1 tal-Anness III tkun disponibbli għan-negozjanti għal kull kavità ta' kull mudell tal-forn domestiku;
- (vii) skeda tat-tagħrif elettronika dwar il-prodott stabbilita fil-punt A tal-Anness IV tkun disponibbli għan-negozjanti għal kull mudell tal-forn domestiku;
- (b) Għall-estratturi tal-kukers domestiċi:
- (i) kull estrattur tal-kukers domestiku jkollu tikketta/i stampata bl-informazzjoni fil-format stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III;
- (ii) kif jistabbilixxi l-punt B tal-Anness IV, tkun disponibbli skeda tat-tagħrif tal-prodott għall-estratturi tal-kukers domestiċi li jitqiegħdu fis-suq;
- (iii) kif jistipula l-punt B tal-Anness V, id-dokumentazzjoni teknika tkun disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri meta jitolbuha;
- (iv) kull riklam ta' mudell speċifiku ta' estrattur tal-kukers domestiku jkun fih il-klassi tal-effiċjenza enerġetika, jekk ir-riklam jagħti informazzjoni relatata mal-enerġija jew il-prezz;
- (v) xi materjal tekniku ta' promozzjoni dwar mudell speċifiku ta' estrattur tal-kukers domestiku li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu, inkluża l-klassi tal-effiċjenza enerġetika ta' dak il-mudell;
- (vi) tikketta elettronika fil-format u bl-informazzjoni stabbilita fil-punt 2 tal-Anness III tkun disponibbli għan-negozjanti għal kull mudell tal-estrattur tal-kukers domestiku;

Artikolu 3

Ir-responsabbiltajiet tal-fornituri u skeda taż-żmien

Il-fornituri għandhom jiżguraw li:

1. Fir-rigward tat-tikketti, l-iskedi tat-tagħrif u d-dokumentazzjoni teknika

- (a) Għall-fran domestiċi:

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-kompatibilità elettromanjetika u li tħassar id-Direttiva 89/336/KEE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 24).

(vii) skeda tat-tagħrif elettronika dwar il-prodott stabbilita fil-punt B tal-Anness IV tkun disponibbli għan-negozjanti għal kull mudell tal-estrattur tal-kukers domestiku.

2. Fir-rigward tal-klassijiet tal-effiċjenza:

- (a) Għall-fran domestiċi, għandha tinstab il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-kavità tal-forn skont il-punt 1 tal-Anness I, u l-punt 1 tal-Anness II.
- (b) Għall-estratturi tal-kukers domestiċi,
 - (i) għandhom jinstabu l-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika skont il-punt 2(a) tal-Anness I u l-punt 2.1. tal-Anness II;
 - (ii) għandhom jinstabu l-klassijiet tal-effiċjenza fluwidodinamika skont il-punt 2(b) tal-Anness I u l-punt 2.2. tal-Anness II;
 - (iii) għandhom jinstabu l-klassijiet tal-effiċjenza tat-tidwil skont il-punt 2(c) tal-Anness I u l-punt 2.3. tal-Anness II;
 - (iv) għandhom jinstabu l-klassijiet tal-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet skont il-punt 2(d) tal-Anness I u l-punt 2.4. tal-Anness II.

3. Fir-rigward tal-formati tat-tikketti:

- (a) Għall-fran domestiċi, il-format tat-tikketta għall-kavità tal-forn għandu jkun kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness III, għall-apparat li se jitmiegd fis-suq mill-1 ta' Jannar 2015.
- (b) Għall-estratturi tal-kukers domestiċi, il-format tat-tikketta għandu jkun kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness III, skont din l-iskeda taż-żmien:
 - (i) għall-estratturi tal-kukers domestiċi li jitmiegd fis-suq mill-1 ta' Jannar 2015 bil-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika A, B, C, D, E, F, u G, it-tikketti għandhom ikunu skont il-punt 2.1.1 tal-Anness III (it-Tikketta 1) jew, meta l-fornituri jidhrilhom li jixraq, skont il-punt 2.1.2 ta' dak l-Anness (it-Tikketta 2);
 - (ii) għall-estratturi tal-kukers domestiċi li jitmiegd fis-suq mill-1 ta' Jannar 2016 bil-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika A⁺, A, B, C, D, E, u F, it-tikketti għandhom ikunu skont il-punt 2.1.2 tal-Anness III (it-Tikketta 2) jew, meta l-fornituri jidhrilhom li jixraq, skont il-punt 2.1.3 ta' dak l-Anness (it-Tikketta 3);
 - (iii) għall-estratturi tal-kukers domestiċi li jitmiegd fis-suq mill-1 ta' Jannar 2018 bil-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika A⁺⁺, A⁺, A, B, C, D, u E, it-tikketti għandhom ikunu skont il-punt 2.1.3 tal-Anness III (it-Tikketta 3) jew, meta l-fornituri jidhrilhom li jixraq, skont il-punt 2.1.4 ta' dak l-Anness (it-Tikketta 4);
 - (iv) għall-estratturi tal-kukers domestiċi li jitmiegd fis-suq mill-1 ta' Jannar 2020 bil-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika A⁺⁺⁺, A⁺⁺, A⁺, A, B, C, u D, it-tikketti għandhom ikunu skont il-punt 2.1.4 tal-Anness III (it-Tikketta 4).

Artikolu 4

Ir-responsabbiltajiet tan-negozjanti

In-negozjanti għandhom jiżguraw li:

1. Għall-fran domestiċi:

- (a) kull forn ippreżentat fil-post tal-bejgħ ikollu t-tikketta għal kull kavità mogħtija mill-fornituri skont l-Artikolu 3(1)(a)(i) li tidher fuq quddiem jew fuq il-wiċċ tal-apparat, jew esposta sew fuq l-apparat ħalli tkun tidher ċara u tingħaraf bħala t-tikketta tal-mudell mingħajr il-bżonn li wieħed joqgħod jaqra l-isem tad-ditta jew inumru tal-mudell fuq it-tikketta;
- (b) meta l-utent aħħari ma jkunx mistenni jara l-prodott muri, kif jispeċifika l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/30/UE, il-fran għall-bejgħ jew għall-kiri jiġu kkummerċjalizzati bl-informazzjoni mogħtija mill-fornituri skont il-parti A tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament, ħlief meta l-offerta ssir bl-Internet u minflok ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII;
- (c) kull riklam ta' kull għamla jew mezz ta' bejgħ mill-bogħod u l-kummerċjalizzazzjoni ta' mudell speċifiku ta' forn ikollhom referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika, jekk ir-riklam jagħti informazzjoni relatata mal-enerġija jew il-prezz;
- (d) kull materjal tekniku ta' promozzjoni dwar mudell speċifiku li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi ta' forn ikollu l-klassi tal-effiċjenza enerġetika ta' dak il-mudell.

2. Għall-estratturi tal-kukers domestiċi:

- (a) kull forn ippreżentat fil-post tal-bejgħ ikollu t-tikketta għal kull kavità mogħtija mill-fornituri skont l-Artikolu 3(1)(a)(i) li tidher fuq quddiem jew fuq il-wiċċ tal-apparat, jew esposta sew fuq l-apparat ħalli tkun tidher ċara u tingħaraf bħala t-tikketta tal-mudell mingħajr il-bżonn li wieħed joqgħod jaqra l-isem tad-ditta jew inumru tal-mudell fuq it-tikketta;
- (b) meta l-utent aħħari ma jkunx mistenni jara l-prodott muri, kif jispeċifika l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/30/UE, l-estratturi tal-kukers domestiċi għall-bejgħ jew għall-kiri jiġu kkummerċjalizzati bl-informazzjoni mogħtija mill-fornituri skont il-parti B tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament; ħlief meta l-offerta ssir bl-Internet u minflok ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII;
- (c) kull riklam ta' kull għamla jew mezz ta' bejgħ mill-bogħod u l-kummerċjalizzazzjoni ta' mudell speċifiku ta' estrattur tal-kukers domestiku jkollhom referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika, jekk ir-riklam jagħti informazzjoni relatata mal-enerġija jew il-prezz;
- (d) kull materjal tekniku ta' promozzjoni dwar mudell speċifiku li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi ta' estrattur tal-kukers domestiku jkollu l-klassi tal-effiċjenza enerġetika ta' dak il-mudell.

*Artikolu 5***Miżuri tal-kejl u l-kalkolu**

L-informazzjoni li trid tingħata skont l-Artikoli 3 u 4 għandha tinkiseb bi proċeduri tal-kejl affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-aqwa metodi tal-kejl u l-kalkolu rikonoxxuti.

*Artikolu 6***Il-proċedura ta' verifika għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq**

Meta jsiru l-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura ta' verifika deskritta fl-Anness VIII.

*Artikolu 7***Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2021.

*Artikolu 8***Revoka**

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/40/KE għandha titħassar mill-1 ta' Jannar 2015.

*Artikolu 9***Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Ilfran domestiċi li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u li jitqiegħdu fis-suq jew li jkunu għall-bejgħ, għall-kiri jew għax-xiri bin-nifs qabel l-1 ta' Jannar 2015 għandhom jitqiesu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2002/40/KE.

2. Mill-1 ta' Jannar sal-1 ta' April 2015, in-negozjanti jistgħu japplikaw l-Artikolu 4(1)(b) għal fran speċifiċi li jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni.

3. Mill-1 ta' Jannar sal-1 ta' April 2015, in-negozjanti jistgħu japplikaw l-Artikolu 4(2)(b) għal estratturi tal-kukers speċifiċi li jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni.

*Artikolu 10***Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015. Madanakollu, l-Artikolu 3(1)(a)(iv) u (v), l-Artikolu 3(1)(b)(iv) u (v), l-Artikolu 4(1)(b), (c) u (d), u l-Artikolu 4(2)(b), (c) u (d) għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

Klassijiet tal-effiċjenza

1. IL-FRAN DOMESTIĊI

Il-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika tal-fran domestiċi għandhom jiġu stabbiliti b'mod separat għal kull kavità skont il-valuri mogħtija fit-Tabella 1 ta' dan l-Anness. L-effiċjenza enerġetika tal-fran għandha tiġi stabbilita skont il-punt 1. tal-Anness II.

It-Tabella 1

Il-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika tal-fran domestiċi

Klassi tal-effiċjenza enerġetika	Indiċi tal-effiċjenza enerġetika ($EEI_{kavità}$)
A+++ (l-iktar effiċjenti)	$EEI_{kavità} < 45$
A++	$45 \leq EEI_{kavità} < 62$
A+	$62 \leq EEI_{kavità} < 82$
A	$82 \leq EEI_{kavità} < 107$
B	$107 \leq EEI_{kavità} < 132$
C	$132 \leq EEI_{kavità} < 159$
D (l-inqas effiċjenti)	$EEI_{kavità} \geq 159$

2. L-ESTRATTURI TAL-KUKERS DOMESTIĊI

(a) Il-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika tal-estratturi tal-kukers domestiċi għandhom jiġu stabbiliti skont il-valuri mogħtija fit-Tabella 2 ta' dan l-Anness. L-indiċi tal-effiċjenza enerġetika ($EEI_{estrattur}$) tal-estratturi tal-kukers domestiċi għandu jiġi kkalkulat skont il-punt 2.1 tal-Anness II.

It-Tabella 2

Il-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika tal-estratturi tal-kukers domestiċi

Klassi tal-effiċjenza enerġetika	Indiċi tal-effiċjenza enerġetika ($EEI_{estrattur}$)			
	Tikketta 1	Tikketta 2	Tikketta 3	Tikketta 4
A+++ (l-iktar effiċjenti)				$EEI_{estrattur} < 30$
A++			$EEI_{estrattur} < 37$	$30 \leq EEI_{estrattur} < 37$
A+		$EEI_{estrattur} < 45$	$37 \leq EEI_{estrattur} < 45$	$37 \leq EEI_{estrattur} < 45$
A	$EEI_{estrattur} < 55$	$45 \leq EEI_{estrattur} < 55$	$45 \leq EEI_{estrattur} < 55$	$45 \leq EEI_{estrattur} < 55$
B	$55 \leq EEI_{estrattur} < 70$	$55 \leq EEI_{estrattur} < 70$	$55 \leq EEI_{estrattur} < 70$	$55 \leq EEI_{estrattur} < 70$
C	$70 \leq EEI_{estrattur} < 85$	$70 \leq EEI_{estrattur} < 85$	$70 \leq EEI_{estrattur} < 85$	$70 \leq EEI_{estrattur} < 85$
D	$85 \leq EEI_{estrattur} < 100$	$85 \leq EEI_{estrattur} < 100$	$85 \leq EEI_{estrattur} < 100$	$EEI_{estrattur} \geq 85$
E	$100 \leq EEI_{estrattur} < 110$	$100 \leq EEI_{estrattur} < 110$	$EEI_{estrattur} \geq 100$	
F	$110 \leq EEI_{estrattur} < 120$	$EEI_{estrattur} \geq 110$		
G (l-inqas effiċjenti)	$EEI_{estrattur} \geq 120$			

- (b) Il-klassijiet tal-effiċjenza fluwidodinamika ta' estrattur tal-kukers domestiku għandhom jiġu stabbiliti skont l-effiċjenza fluwidodinamika tiegħu ($FDE_{\text{estrattur}}$) skont il-valuri mogħtija fit-Tabella 3 li ġejja. L-effiċjenza fluwidodinamika tal-estratturi tal-kukers domestiċi għandha tiġi stabbilita skont il-punt 2.2 tal-Anness II.

It-Tabella 3

Il-klassijiet tal-effiċjenza fluwidodinamika tal-estratturi tal-kukers domestiċi

Klassi tal-effiċjenza fluwidodinamika	Effiċjenza fluwidodinamika ($FDE_{\text{estrattur}}$)
A (l-iktar effiċjenti)	$FDE_{\text{estrattur}} > 28$
B	$23 < FDE_{\text{estrattur}} \leq 28$
C	$18 < FDE_{\text{estrattur}} \leq 23$
D	$13 < FDE_{\text{estrattur}} \leq 18$
E	$8 < FDE_{\text{estrattur}} \leq 13$
F	$4 < FDE_{\text{estrattur}} \leq 8$
G (l-inqas effiċjenti)	$FDE_{\text{estrattur}} \leq 4$

- (c) Il-klassijiet tal-effiċjenza tat-tidwil ta' estrattur tal-kukers domestiku għandhom jiġu stabbiliti skont l-effiċjenza tat-tidwil tiegħu ($LE_{\text{estrattur}}$) skont il-valuri mogħtija fit-Tabella 4 li ġejja. L-effiċjenza tat-tidwil tal-estratturi tal-kukers domestiċi għandha tiġi stabbilita skont il-punt 2.3 tal-Anness II.

It-Tabella 4

Il-klassijiet tal-effiċjenza tat-tidwil tal-estratturi tal-kukers domestiċi

Klassi tal-effiċjenza tat-tidwil	Effiċjenza tat-tidwil ($LE_{\text{estrattur}}$)
A (l-iktar effiċjenti)	$LE_{\text{estrattur}} > 28$
B	$20 < LE_{\text{estrattur}} \leq 28$
C	$16 < LE_{\text{estrattur}} \leq 20$
D	$12 < LE_{\text{estrattur}} \leq 16$
E	$8 < LE_{\text{estrattur}} \leq 12$
F	$4 < LE_{\text{estrattur}} \leq 8$
G (l-inqas effiċjenti)	$LE_{\text{estrattur}} \leq 4$

- (d) Il-klassijiet tal-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet ta' estrattur tal-kukers domestiku għandhom jiġu stabbiliti skont l-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet tiegħu ($GFE_{\text{estrattur}}$) skont il-valuri mogħtija fit-Tabella 5 li ġejja. L-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet tal-estratturi tal-kukers domestiċi għandha tiġi stabbilita skont il-punt 2.4 tal-Anness II.

It-Tabella 5

Il-klassijiet tal-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet ($GFE_{\text{estrattur}}$) tal-estratturi tal-kukers domestiċi

Klassi tal-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet	Effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet (f'perċentwali)
A (l-iktar effiċjenti)	$GFE_{\text{estrattur}} > 95$
B	$85 < GFE_{\text{estrattur}} \leq 95$
C	$75 < GFE_{\text{estrattur}} \leq 85$
D	$65 < GFE_{\text{estrattur}} \leq 75$
E	$55 < GFE_{\text{estrattur}} \leq 65$
F	$45 < GFE_{\text{estrattur}} \leq 55$
G (l-inqas effiċjenti)	$GFE_{\text{estrattur}} \leq 45$

ANNEX II

Il-kejl u l-kalkoli

Għall-għanijiet tal-konformità u tal-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-kejl u l-kalkoli għandhom isiru billi jintuża metodu li jkun affidabbli, preċiż u riproduċibbli, li jqis il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu l-aktar avvanzati ġeneralment irrikonoxxuti, fosthom l-istandards armonizzati li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dan il-għan f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dawn għandhom jissodisfaw id-definizzjonijiet, il-kundizzjonijiet, l-ekwazzjonijiet u l-parametri tekniċi stipulati f'dan l-Anness.

1. IL-FRAN DOMESTIĊI

Il-konsum tal-enerġija ta' kavità ta' forn domestiku għandu jitkejjel għal ċiklu wieħed standardizzat, fil-modalità Konvenzjonali u fil-modalità Fann mixgħul, jekk din tkun disponibbli, billi tissaħħan tagħbija standardizzata mxarrba fl-ilma. Għandu jiġi vverifikat li t-temperatura ta' ġol-kavità tal-forn tilħaq it-temperatura magħżula tat-termostat u/jew tal-iskrin tal-kontroll tal-forn waqt li jkun qed isir it-test. Fil-kalkoli li ġejjin għandu jintuża l-konsum tal-enerġija għal kull ċiklu li jikkorrispondi għall-modalità bl-aħjar prestazzjoni (il-modalità Konvenzjonali jew il-modalità Fann mixgħul).

Għal kull kavità ta' forn domestiku, l-indiċi tal-effiċjenza enerġetika ($EEI_{kavità}$) għandu jiġi kkalkulat skont il-formoli li ġejjin:

għall-fran domestiċi li jaħdmu bl-elettriku:

$$EEI_{kavità} = \frac{EC_{kavità \text{ tal-elettriku}}}{SEC_{kavità \text{ tal-elettriku}}} \times 100$$

$$SEC_{kavità \text{ tal-elettriku}} = 0,0042 \times V + 0,55 \text{ (f'kWh);}$$

għall-fran domestiċi li jaħdmu bil-gass:

$$EEI_{kavità} = \frac{EC_{kavità \text{ tal-gass}}}{SEC_{kavità \text{ tal-gass}}} \times 100$$

$$SEC_{kavità \text{ tal-gass}} = 0,044 \times V + 3,53 \text{ (f'MJ)}$$

fejn:

- $EEI_{kavità}$ = l-indiċi tal-effiċjenza enerġetika għal kull kavità ta' forn domestiku, f'perċentwali, imqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;
- $SEC_{kavità \text{ tal-elettriku}}$ = il-konsum standard tal-enerġija (tal-elettriku) meħtieġ biex tissaħħan tagħbija standardizzata f'kavità ta' forn domestiku li jissaħħan bl-elettriku f'ċiklu wieħed, mogħti f'kWh u mqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali;
- $SEC_{kavità \text{ tal-gass}}$ = il-konsum standard tal-enerġija meħtieġ biex tissaħħan tagħbija standardizzata f'kavità ta' forn domestiku li jaħdem bil-gass f'ċiklu wieħed, mogħti f'MJ u mqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali;
- V = il-volum tal-kavità tal-forn domestiku f'litri (L), imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;
- $EC_{kavità \text{ tal-elettriku}}$ = il-konsum tal-enerġija meħtieġ biex tissaħħan tagħbija standardizzata f'kavità ta' forn domestiku li jissaħħan bl-elettriku f'ċiklu wieħed, mogħti f'kWh u mqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali;
- $EC_{kavità \text{ tal-gass}}$ = il-konsum tal-enerġija meħtieġ biex tissaħħan tagħbija standardizzata f'kavità ta' forn domestiku li jaħdem bil-gass f'ċiklu wieħed, mogħti f'MJ u mqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali.

2. L-ESTRATTURI TAL-KUKERS DOMESTIĊI

2.1. Kalkolu tal-indiċi tal-effiċjenza enerġetika ($EEI_{estrattur}$)

L-indiċi tal-effiċjenza enerġetika ($EEI_{estrattur}$) huwa kkalkulat kif ġej:

$$EEI_{estrattur} = \frac{AEC_{estrattur}}{SAEC_{estrattur}} \times 100$$

u jitqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;

fejn:

- $SAEC_{estrattur}$ huwa l-konsum annwali standard tal-enerġija tal-estrattur tal-kukers domestiku, mogħti f'kWh fis-sena u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;
- $AEC_{estrattur}$ huwa l-konsum annwali tal-enerġija tal-estrattur tal-kukers domestiku, mogħti f'kWh fis-sena u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali.

Il-konsum annwali standard tal-enerġija ($SAEC_{estrattur}$) ta' estrattur tal-kukers domestiku għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$SAEC_{estrattur} = 0,55 \times (W_{BEP} + W_L) + 15,3$$

fejn:

- W_{BEP} huwa l-kontribut tal-enerġija elettrika tal-estrattur tal-kukers domestiku fil-punt tal-effiċjenza massima, mogħti f'Watts u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;
- W_L huwa l-kontribut nominali tal-enerġija elettrika tas-sistema tat-tidwil tal-estrattur tal-kukers domestiku fuq il-wiċċ għat-tisjir, mogħti f'Watts u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali.

Il-konsum annwali tal-enerġija ($AEC_{estrattur}$) ta' estrattur tal-kukers domestiku huwa kkalkulat kif ġej:

- (i) għall-estratturi tal-kukers domestiċi li huma kompletament awtomatiċi:

$$AEC_{estrattur} = \left[\frac{(W_{BEP} \times t_H \times f) + (W_L \times t_L)}{60 + 1\,000} + \frac{P_o \times (1\,440 - t_H \times f)}{2 \times 60 \times 1\,000} + \frac{P_s \times (1\,440 - t_H \times f)}{2 \times 60 \times 1\,000} \right] \times 365$$

- (ii) għall-estratturi tal-kukers domestiċi l-oħrajn kollha:

$$AEC_{estrattur} = \frac{[W_{BEP} \times (t_H \times f) + W_L \times t_L]}{60 \times 1\,000} \times 365$$

fejn:

- t_L huwa l-ħin medju tat-tidwil ta' kuljum, mogħti f'minuti ($t_L = 120$);
- t_H huwa l-ħin medju tal-użu ta' kuljum tal-estratturi tal-kukers domestiċi, mogħti f'minuti ($t_H = 60$);
- P_o huwa l-kontribut tal-enerġija elettrika tal-estrattur tal-kukers domestiku fil-modalità Mitfi, mogħti f'Watts u mqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali;
- P_s huwa l-kontribut tal-enerġija elettrika tal-estrattur tal-kukers domestiku fil-modalità Stennija, mogħti f'Watts u mqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali;
- f huwa l-fattur ta' żieda fil-ħin, ikkalkulat kif ġej u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali:

$$f = 2 - (FDE_{estrattur} \times 3,6)/100$$

2.2. Kalkolu tal-effiċjenza fluwidodinamika ($FDE_{estrattur}$)

L-effiċjenza fluwidodinamika ($FDE_{estrattur}$) fil-punt tal-effiċjenza massima hija kkalkulata permezz tal-formola li ġejja u hija mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali:

$$FDE_{estrattur} = \frac{Q_{BEP} \times P_{BEP}}{3\,600 \times W_{BEP}} \times 100$$

fejn:

- Q_{BEP} hija r-rata tal-fluss tal-estrattur tal-kukers domestiku fil-punt tal-effiċjenza massima, mogħtija f'metri kubi fis-siegħa u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;
- P_{BEP} hija d-differenza fil-pessjoni statika tal-estrattur tal-kukers domestiku fil-punt tal-effiċjenza massima, mogħtija f'Pa u mqarreb għall-eqreb numru sħiħ;
- W_{BEP} huwa l-kontribut tal-enerġija elettrika tal-estrattur tal-kukers domestiku fil-punt tal-effiċjenza massima, mogħti f'Watts u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali.

2.3. Kalkolu tal-effiċjenza tat-tidwil ($LE_{\text{estrattur}}$)

L-effiċjenza tat-tidwil ($LE_{\text{estrattur}}$) ta' estrattur tal-kukers domestiku tirreferi għall-proporzjon tal-luminazzjoni medja meta mqabbla mal-kontribut nominali tal-enerġija elettrika tas-sistema tat-tidwil. Din għandha tiġi kkalkulata flux għal kull Watt kif ġej u għandha titqarreb għall-eqreb numru sħiħ:

$$LE_{\text{estrattur}} = \frac{E_{\text{medja}}}{W_L}$$

fejn:

- E_{medja} hija l-luminazzjoni medja tas-sistema tat-tidwil fuq il-wiċċ għat-tisjir, imkejla f'kundizzjonijiet standard, mogħtija flux u mqarriba għall-eqreb numru sħiħ;
- W_L huwa l-kontribut nominali tal-enerġija elettrika tas-sistema tat-tidwil tal-estrattur tal-kukers domestiku fuq il-wiċċ għat-tisjir, mogħti f'Watts u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali.

2.4. Kalkolu tal-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet ($GFE_{\text{estrattur}}$)

L-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet ($GFE_{\text{estrattur}}$) ta' estrattur tal-kukers domestiku tirreferi għall-ammont relattiv ta' grass maqbud mill-filtri tal-grass tal-estrattur tal-kukers. Din għandha tiġi kkalkulata kif ġej u għandha titqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali:

$$GFE_{\text{estrattur}} = [w_g / (w_r + w_t + w_g)] \times 100[\%]$$

fejn:

- w_g = il-massa taż-żejt fil-filtru tal-grass, inklużi l-partijiet kollha li jservu ta' għata li jistgħu jinqalgħu, mogħtija fi grammi u mqarriba għal ċifra wara l-punt deċimali;
- w_r = il-massa taż-żejt maqbuda fil-pajpijiet tal-arja tal-estrattur tal-kukers, mogħtija fi grammi u mqarriba għal ċifra wara l-punt deċimali;
- w_t = il-massa taż-żejt maqbuda fil-filtru assolut, mogħtija fi grammi u mqarriba għal ċifra wara l-punt deċimali.


2.5. L-istorbju

Il-livell ta' storbju (f'dB) jitkejjel bħala l-emissjonijiet akustiċi tal-qawwa tal-ħoss fl-arja, ippeżati għall-frekwenza A (valur medju ppeżat - L_{WA}), ta' estrattur tal-kukers domestiku meta jkun qed jitħaddem bl-ogħla konfigurazzjoni tiegħu għall-użu normali, imqarribin għall-eqreb numru sħiħ.

ANNEX III

It-tikketta

1. IT-TIKKETTA GĦALL-FRAN DOMESTIĊI
- 1.1. **Il-fran domestiċi li jaħdmu bl-elettriku**
- 1.1.1. *Il-preżentazzjoni tat-tikketta – għal kull kavità ta' forn domestiku li jaħdem bl-elettriku*




1.1.2. *Tagħrif fuq it-tikketta – għall-fran domestiċi li jaħdmu bl-elettriku*

It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

- I. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;
- II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, fejn "identifikatur tal-mudell" tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' forn domestiku minn mudelli oħrajn tal-istess marka kummerċjali jew bl-isem tal-istess fornitur;
- III. is-sors tal-enerġija tal-forn domestiku;
- IV. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-kavità stabbilita skont l-Anness I. It-tarf tal-vleġġa li fiha tidher l-ittra ta' indikazzjoni għandu jitqiegħed fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;
- V. il-volum tal-kavità li jista' jintuża, f'litri, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;
- VI. il-konsum tal-enerġija għal kull ċiklu, mogħti f'kWh għal kull ċiklu (il-konsum tal-elettriku), għall-funzjoni(jiet) tat-tisħin tal-kavità (konvenzjonali u jekk disponibbli, bil-konvezzjoni tal-arja sfurzata) abbażi ta' tagħbija standard stabbilita skont il-proċeduri tat-testijiet, imqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali ($EC_{kavità\ tal-elettriku}$).

1.1.3. *Id-disinn tat-tikketta – għall-fran domestiċi li jaħdmu bl-elettriku*

Id-disinn tat-tikketta għal kull kavità ta' forn domestiku li jaħdem bl-elettriku għandu jkun bħal dak tal-istampa li ġejja:




fejn:

- It-tikketta għandha tkun wiesgħa mill-inqas 85 millimetru u għolja mill-inqas 170 millimetru. F'każ li t-tikketta tiġi stampata f'format ikbar, il-kontenut tagħha xorta waħda għandu jibqa' proporzjonat ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet.
- L-isfond għandu jkun abjad.
- Il-kuluri għandhom ikunu dawk bil-kodiċi CMYK – blu jaġhti fl-aħdar (“cyan”), maġenta, isfar u iswed – bħal f'dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % blu jaġhti fl-aħdar, 70 % maġenta, 100 % isfar u 0 % iswed.
- It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għall-istampa t'hawn fuq):

- 1 **Il-linja tal-bordura:** 4 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 3 millimetri.
- 2 **Il-lowgo tal-UE:** kuluri: X-80-00-00 u 00-00-X-00.
- 3 **Il-lowgo tal-enerġija:** kulur: X-00-00-00; pittogramma kif murija: il-lowgo tal-UE + it-tikketta tal-enerġija: wisa': 70 millimetru, għoli: 14-il millimetru.
- 4 **Il-linja tal-bordura tal-lowgos iż-żgħar:** 1,5 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – tul: 70 millimetru.
- 5 **L-iskala tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika**
 - **Il-vleġġ:** għoli: 5,5 millimetri, spazju bejn vleġġa u oħra: millimetru (1) – kuluri:
 - l-aqwa klassi: X-00-X-00
 - it-tieni klassi: 70-00-X-00
 - it-tielet klassi: 30-00-X-00
 - ir-raba' klassi: 00-00-X-00
 - il-ħames klassi: 00-30-X-00
 - is-sitt klassi: 00-70-X-00
 - l-aħħar klassi: 00-X-X-00
 - **Il-kliem:** Calibri tipa grassa 18-il pt, b'ittri kbar u bl-abjad; is-simbolu "+": Calibri tipa grassa 12-il pt, bl-abjad u allinjat fringiela waħda.
- 6 **Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika**
 - **Il-vleġġa:** wisa': 20 millimetru, għoli: 10 millimetri, 100 % iswed;
 - **Il-kliem:** Calibri tipa grassa 24 pt, b'ittri kbar u bl-abjad; is-simbolu "+": Calibri tipa grassa 18-il pt, bl-abjad u allinjat fringiela waħda.
- 7 **Il-konsum tal-enerġija għal kull ċiklu**
 - **Il-bordura:** 1,5 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 3 millimetri;
 - **Il-valur:** Calibri tipa grassa 19-il pt, 100 % iswed u Calibri tipa normali 10 pt, 100 % iswed.
- 8 **Il-volum**
 - **Il-bordura:** 1,5 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 3 millimetri;
 - **Il-valur:** Calibri tipa grassa 20 pt, 100 % iswed u Calibri tipa normali 10 pt, 100 % iswed.
- 9 **L-asterisk:** Calibri tipa normali 6 pt, 100 % iswed.
- 10 **In-numru tar-Regolament:** Calibri tipa grassa 10 pt, 100 % iswed.
- 11 **Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu**
- 12 **L-identifikatur tal-mudell tal-fornitur**
- 13 **Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu u l-identifikatur tal-mudell għandhom joqogħdu fi spazju ta' 70 bi 13-il millimetru.**

1.2. Il-fran domestiċi li jaħdmu bil-gass

1.2.1. Il-preżentazzjoni tat-tikketta – għal kull kavità ta' forn domestiku li jaħdem bil-gass



1.2.2. Tagħrif fuq it-tikketta


It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

- I. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;
- II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, fejn "identifikatur tal-mudell" tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' forn domestiku minn mudelli oħrajn tal-istess marka kummerċjali jew bl-isem tal-istess fornitur;
- III. is-sors tal-enerġija tal-forn domestiku;

- IV. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-kavità stabbilita skont l-Anness I. It-tarf tal-vleġġa li fiha tidher l-ittra ta' indikazzjoni għandu jitqiegħed fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;
- V. il-volum tal-kavità li jista' jintuża, flitri, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;
- VI. il-konsum tal-enerġija għal kull ċiklu, mogħti fMJ għal kull ċiklu u f kWh għal kull ċiklu ⁽¹⁾ (il-konsum tal-gass), għall-funzjoni(jiet) tat-tisħin tal-kavità (konvenzjonali u jekk disponibbli, bil-konvezzjoni tal-arja sfurzata) abbażi ta' tagħbija standard stabbilita skont il-proċeduri tat-testijiet, imqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali ($EC_{kavità\ tal-gass}$).

1.2.3. Id-disinn tat-tikketta – għall-fran domestiċi li jaħdmu bil-gass

Id-disinn tat-tikketta għal kull kavità ta' forn domestiku li jaħdem bil-gass għandu jkun bħal dak tal-istampa li ġejja:



⁽¹⁾ 1 kWh għal kull ċiklu = 3,6 MJ għal kull ċiklu.


fejn:

- (i) It-tikketta għandha tkun wiesgħa mill-inqas 85 millimetru u għolja mill-inqas 170 millimetru. F'każ li t-tikketta tiġi stampata f'format ikbar, il-kontenut tagħha xorta waħda għandu jibqa' proporzjonat ma' dawn l-ispeċifi-kazzjonijiet.
- (ii) L-isfond għandu jkun abjad.
- (iii) Il-kuluri għandhom ikunu dawk bil-kodiċi CMYK – blu jagħti fl-aħdar (“cyan”), maġenta, isfar u iswed – bħal f'dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % blu jagħti fl-aħdar, 70 % maġenta, 100 % isfar u 0 % iswed.
- (iv) It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għall-istampa t'hawn fuq):
- ❶ **Il-linja tal-bordura:** 4 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 3 millimetri.
 - ❷ **Il-lowgo tal-UE:** kuluri: X-80-00-00 u 00-00-X-00.
 - ❸ **Il-lowgo tal-enerġija:** kulur: X-00-00-00; pittogramma kif murija: il-lowgo tal-UE + it-tikketta tal-enerġija: wisa': 70 millimetru, għoli: 14-il millimetru.
 - ❹ **Il-linja tal-bordura tal-lowgos iż-żgħhar:** 1,5 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – tul: 70 millimetru.
 - ❺ **L-iskala tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika**
 - **Il-vleġġ:** għoli: 5,5 millimetri, spazju bejn vleġġa u oħra: millimetru (1) – kuluri:
 - l-aqwa klassi: X-00-X-00
 - it-tieni klassi: 70-00-X-00
 - it-tielet klassi: 30-00-X-00
 - ir-raba' klassi: 00-00-X-00
 - il-ħames klassi: 00-30-X-00
 - is-sitt klassi: 00-70-X-00
 - l-aħħar klassi: 00-X-X-00
 - **Il-kliem:** Calibri tipa grassa 18-il pt, b'ittri kbar u bl-abjad; is-simbolu “+”: Calibri tipa grassa 12-il pt, bl-abjad u allinjat f'ringiela waħda.
 - ❻ **Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika**
 - **Il-vleġġa:** wisa': 20 millimetru, għoli: 10 millimetri, 100 % iswed;
 - **Il-kliem:** Calibri tipa grassa 24 pt, b'ittri kbar u bl-abjad; is-simbolu “+”: Calibri tipa grassa 18-il pt, bl-abjad u allinjat f'ringiela waħda.
 - ❼ **Il-konsum tal-enerġija għal kull ċiklu**
 - **Il-bordura:** 1,5 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 3 millimetri;
 - **Il-valur:** Calibri tipa grassa 19-il pt, 100 % iswed u Calibri tipa normali 10 pt, 100 % iswed.
 - ❽ **Il-volum**
 - **Il-bordura:** 1,5 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 3 millimetri;
 - **Il-valur:** Calibri tipa grassa 20 pt, 100 % iswed u Calibri tipa normali 10 pt, 100 % iswed.
 - ❾ **L-asterisk:** Calibri tipa normali 6 pt, 100 % iswed.
 - ❿ **In-numru tar-Regolament:** Calibri tipa grassa 10 pt, 100 % iswed.
 - ⓫ **Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu**
 - ⓬ **L-identifikatur tal-mudell tal-fornitur**
 - ⓭ **Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu u l-identifikatur tal-mudell għandhom joqogħdu fi spazju ta' 70 bi 13-il millimetru.**


2. IT-TIKKETTA GĦALL-ESTRATTURI TAL-KUKERS DOMESTIĊI

2.1. Il-formati tat-tikketta

2.1.1. L-estratturi tal-kukers domestiċi li jaqgħu fil-klassijiet A sa G tal-effiċjenza enerġetika (it-Tikketta 1)



2.1.2. L-estratturi tal-kukers domestiċi li jaqgħu fil-klassijiet A+ sa F tal-effiċjenza enerġetika (it-Tikketta 2)




I, II

III


IV

V, VI, VII, VIII

2.1.3. L-estratturi tal-kukers domestiċi li jaqgħu fil-klassijiet A++ sa E tal-effiċjenza enerġetika (it-Tikketta 3)



2.1.4. L-estratturi tal-kukers domestiċi li jaqgħu fil-klassijiet A+++ sa D tal-effiċjenza enerġetika (it-Tikketta 4)



I, II

III

IV

V, VI, VII, VIII


2.2. Tagħrif fuq it-tikketta – għall-estratturi tal-kukers domestiċi

It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

- I. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;
- II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, fejn "identifikatur tal-mudell" tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' estrattur tal-kukers domestiku minn mudelli oħrajn tal-istess marka kummerċjali jew bl-isem tal-istess fornitur;
- III. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-estrattur tal-kukers domestiku, stabbilita skont l-Anness I. It-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-estrattur tal-kukers domestiku għandu jitqiegħed fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;
- IV. il-konsum annwali tal-enerġija ($AEC_{\text{estrattur}}$), ikkalkulat skont l-Anness II, mogħti f'kWh u mqarreb għall-eqreb numru sħiħ;
- V. il-klassi tal-effiċjenza fluwidodinamika, stabbilita skont l-Anness I;
- VI. il-klassi tal-effiċjenza tat-tidwil, stabbilita skont l-Anness I;
- VII. il-klassi tal-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet, stabbilita skont l-Anness I;
- VIII. il-livell ta' storbu, stabbilit skont il-punt 2.5. tal-Anness II u mqarreb għall-eqreb numru sħiħ.

2.3. Id-disinn tat-tikketta – għall-estratturi tal-kukers domestiċi

Id-disinn tat-tikketta għandu jkun bħal dak tal-istampa li ġeja:



fejn:

(i) It-tikketta għandha tkun wiesgħa mill-inqas 60 millimetru u għolja mill-inqas 120 millimetru. F'każ li t-tikketta tiġi stampata f'format ikbar, il-kontenut tagħha xorta waħda għandu jibqà' proporzjonat ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet.

(ii) L-isfond għandu jkun abjad.

(iii) Il-kuluri għandhom ikunu dawk bil-kodiċi CMYK – blu jagħti fl-aħdar (“cyan”), maġenta, isfar u iswed – bħal f’dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % blu jagħti fl-aħdar, 70 % maġenta, 100 % isfar u 0 % iswed.

(iv) It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għall-istampa t’hawn fuq):

❶ **Il-linja tal-bordura:** 3 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 2 millimetri.

❷ **Il-lowgo tal-UE:** kuluri: X-80-00-00 u 00-00-X-00.

❸ **Il-lowgo tal-enerġija:** kulur: X-00-00-00. Pittogramma kif murija: il-lowgo tal-UE + it-tikketta tal-enerġija: wisa’: 51 millimetru, għoli: 10 millimetri.

❹ **Il-linja tal-bordura tal-lowgos iż-żgħar:** 1 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 %, tul: 51 millimetru.

❺ **L-iskala tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika**

— **Il-vleġġ:** għoli: 4 millimetri, spazju bejn vleġġa u oħra: 0,75 millimetru – kuluri:

l-aqwa klassi: X-00-X-00

it-tieni klassi: 70-00-X-00

it-tielet klassi: 30-00-X-00

ir-raba’ klassi: 00-00-X-00

il-ħames klassi: 00-30-X-00

is-sitt klassi: 00-70-X-00

l-aħħar klassi: 00-X-X-00

— **Il-kliem:** Calibri tipa grassa 10 pt, b’ittri kbar u bl-abjad; is-simbolu “+”: Calibri tipa grassa 7 pt, bl-abjad u allinjat fringjela waħda.

❻ **Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika**

— **Il-vleġġa:** wisa’: 15-il millimetru, għoli: 8 millimetri, 100 % iswed;

— **Il-kliem:** Calibri tipa grassa 17-il pt, b’ittri kbar u bl-abjad; is-simbolu “+”: Calibri tipa grassa 12-il pt, bl-abjad u allinjat fringjela waħda.

❼ **Il-konsum annwali tal-enerġija**

— **Il-bordura:** 1 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 2,5 millimetri;

— **Il-valur:** Calibri tipa grassa 21 pt, 100 % iswed u Calibri tipa normali 8 pt, 100 % iswed.

❽ **L-effiċjenza fluwidodinamika**

— Il-pittogramma kif murija;

— **Il-bordura:** 1 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 2,5 millimetri;

— **Il-valur:** Calibri tipa normali 6 pt, 100 % iswed u Calibri tipa grassa 11,5 pt, 100 % iswed.

❾ **L-effiċjenza tat-tidwil**

— **Il-pittogramma kif murija;**

— **Il-bordura:** 1 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 2,5 millimetri;

— **Il-valur:** Calibri tipa normali 6 pt, 100 % iswed u Calibri tipa grassa 11,5 pt, 100 % iswed.

❿ **L-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet**

— **Il-pittogramma kif murija;**

— **Il-bordura:** 1 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 2,5 millimetri;

— **Il-valur:** Calibri tipa normali 10 pt, 100 % iswed u Calibri tipa grassa 14-il pt, 100 % iswed.

- 11 **Il-livell ta' storbju**
 - **Il-pittogramma kif murija;**
 - **Il-bordura:** 1 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 2,5 millimetri;
 - **Il-valur:** Calibri tipa normali 6 pt, 100 % iswed u Calibri tipa grassa 11,5 pt, 100 % iswed.
 - 12 **In-numru tar-Regolament:** Calibri tipa grassa 8 pt, 100 % iswed.
 - 13 **Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu**
 - 14 **L-identifikatur tal-mudell tal-fornitur**
 - 15 **Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu u l-identifikatur tal-mudell għandhom joqogħdu fi spazju ta' 51 b'9 millimetri.**
-

ANNEX IV

L-iskeda tat-tagħrif

A. L-ISKEDA TAT-TAGĦRIF GĦALL-FRAN DOMESTIĊI

1. It-tagħrif mogħti fl-iskeda tat-tagħrif tal-prodott tal-fran domestiċi msemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(ii) għandu jingħata kif iddefinit hawn taħt u fl-ordni mogħtija hawn taħt, u għandu jiddaħħal fil-fuljett tal-prodott jew f'materjal ieħor għall-qari mogħti mal-prodott:
 - (a) isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;
 - (b) l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, li tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' forn domestiku minn mudelli oħrajn tal-istess marka kummerċjali jew bl-isem tal-istess fornitur li għandhom valuri ddikjarati differenti għal xi wieħed mill-parametri inklużi fit-tikketta għall-forn domestiku (il-punt 1 tal-Anness III);
 - (c) l-indiċi tal-effiċjenza enerġetika ($EEL_{kavità}$) għal kull kavità tal-mudell, ikkalkulat skont il-punt 1 tal-Anness II u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali; l-indiċi tal-effiċjenza enerġetika ddikjarat m'għandux jaqbeż l-indiċi rrapportat fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (d) il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-mudell għal kull kavità, kif iddefinita fit-Tabella 1 tal-Anness I; il-klassi ddikjarata m'għandhiex tkun iktar favorevoli mill-klassi rrapportata fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (e) il-konsum tal-enerġija għal kull ċiklu għal kull kavità, jekk dan ikun disponibbli, fil-modalità Konvenzjonali u fil-modalità Konvezzjoni bil-fann mixgħul; il-konsum tal-enerġija mkejjel għandu jingħata f'kWh (għall-fran li jaħdmu bl-elettriku u bil-gass) u f'MJ (għall-fran li jaħdmu bil-gass), u għandu jitqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali; il-valur iddikjarat m'għandux ikun inqas mill-valur irrappurtat fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (f) l-għadd ta' kavitàjiet, is-sors (jew is-sorsi) tas-sħana għal kull kavità u l-volum ta' kull kavità.
2. Mingħajr ħsara għar-reqwiżiti tal-iskema tal-ekotikketta tal-UE, meta mudell ikun ingħata ekotikketta tal-Unjoni Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009, tista' tiżdied kopja ta' dik l-ekotikketta ⁽¹⁾.
3. Skeda waħda tat-tagħrif tista' tkopri għadd ta' mudelli tal-fran domestiċi fornuti mill-istess fornitur.
4. It-tagħrif mogħti fl-iskeda tat-tagħrif jista' jingħata bħala kopja tat-tikketta ta' kull kavità, stampata bil-kulur jew bl-abjad u l-iswed. Meta dan ikun il-każ, għandu jingħata wkoll it-tagħrif imniżżel fil-punt 1 li ma jkunx diġà muri fuq it-tikketta.

B. L-ISKEDA TAT-TAGĦRIF GĦALL-ESTRATTURI TAL-KUKERS DOMESTIĊI

1. It-tagħrif mogħti fl-iskeda tat-tagħrif tal-prodott tal-estratturi tal-kukers domestiċi msemmija fl-Artikolu 3(1)(b)(ii) għandu jingħata kif iddefinit hawn taħt u fl-ordni mogħtija hawn taħt, u għandu jiddaħħal fil-fuljett tal-prodott jew f'materjal ieħor għall-qari mogħti mal-prodott:
 - (a) isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;
 - (b) l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, li tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' estrattur tal-kukers domestiku minn mudelli oħrajn tal-istess marka kummerċjali jew bl-isem tal-istess fornitur li għandhom valuri ddikjarati differenti għal xi wieħed mill-parametri inklużi fit-tikketta għall-estrattur tal-kukers domestiku (il-punt 2 tal-Anness III);
 - (c) il-konsum annwali tal-enerġija ($AEC_{estrattur}$), ikkalkulat skont il-punt 2 tal-Anness II u mogħti f'kWh fis-sena u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali; il-valur iddikjarat m'għandux ikun inqas mill-valur irrappurtat fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (d) il-klassi tal-effiċjenza enerġetika, kif iddefinita fit-Tabella 2 tal-Anness I; il-klassi ddikjarata m'għandhiex tkun iktar favorevoli mill-klassi rrapportata fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (e) l-effiċjenza fluwidodinamika ($FDE_{estrattur}$), ikkalkulata skont il-punt 2 tal-Anness II u mqarriba għal ċifra wara l-punt deċimali; il-valur iddikjarat m'għandux ikun ogħla mill-valur irrappurtat fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (f) il-klassi tal-effiċjenza fluwidodinamika, kif iddefinita fit-Tabella 3 tal-Anness I; il-klassi ddikjarata m'għandhiex tkun aħjar mill-klassi rrapportata fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;

⁽¹⁾ ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

- (g) l-effiċjenza tat-tidwil ($LE_{\text{estrattur}}$), ikkalkulata skont il-punt 2 tal-Anness II u mogħtija f'flux għal kull Watt u mqarrba għal ċifra wara l-punt deċimali; il-valur iddikjarat m'għandux ikun ogħla mill-valur irrappurtat fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (h) il-klassi tal-effiċjenza tat-tidwil, kif iddefinita fit-Tabella 4 tal-Anness I; il-klassi ddikjarata m'għandhiex tkun aħjar mill-klassi rrapportata fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (i) l-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet, ikkalkulata skont il-punt 2 tal-Anness II u mogħtija f'perċentwali u mqarrba għal ċifra wara l-punt deċimali; il-valur iddikjarat m'għandux ikun ogħla mill-valur irrappurtat fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (j) il-klassi tal-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet, kif iddefinita fit-Tabella 5 tal-Anness I; il-klassi ddikjarata m'għandhiex tkun aħjar mill-klassi rrapportata fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (k) il-fluss tal-arja (mogħti f'metri kubi fis-siegħa u mqarreb għall-eqreb numru sħiħ), fil-veloċità minima u massima tal-apparat waqt użu normali, mingħajr l-użu tal-modalità intensiva jew ta' qawwa addizzjonali; il-valuri ddikjarati m'għandhomx ikunu ogħla mill-valuri rrapportati fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (l) jekk ikun disponibbli, il-fluss tal-arja (mogħti f'metri kubi fis-siegħa u mqarreb għall-eqreb numru sħiħ), meta l-apparat ikun qed jitħaddem bl-użu tal-modalità intensiva jew ta' qawwa addizzjonali; il-valur iddikjarat m'għandux ikun ogħla mill-valuri rrapportati fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (m) l-emissjonijiet akustiċi tal-qawwa tal-ħoss fl-arja, ippeżati għall-frekwenza A (mogħtija f'dB u mqarrbin għall-eqreb numru sħiħ), fil-veloċità minima u massima tal-apparat disponibbli waqt użu normali; il-valur iddikjarat m'għandux ikun inqas mill-valur irrappurtat fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (n) jekk ikunu disponibbli, l-emissjonijiet akustiċi tal-qawwa tal-ħoss fl-arja, ippeżati għall-frekwenza A (mogħtija f'dB u mqarrbin għall-eqreb numru sħiħ), meta l-apparat ikun qed jitħaddem bl-użu tal-modalità intensiva jew ta' qawwa addizzjonali; il-valur iddikjarat m'għandux ikun inqas mill-valur irrappurtat fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (o) jekk ikun applikabbli, il-konsum tal-enerġija fil-modalità Mitfi (P_o), mogħti f'Watts u mqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali; il-valuri ddikjarati m'għandhomx ikunu inqas mill-valuri rrapportati fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (p) jekk ikun applikabbli, il-konsum tal-enerġija fil-modalità Stennija (P_s), mogħti f'Watts u mqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali; il-valuri ddikjarati m'għandhomx ikunu inqas mill-valuri rrapportati fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V.
2. Skeda waħda tat-tagħrif tista' tkopri għadd ta' mudelli tal-estratturi tal-kukers domestiċi fornuti mill-istess fornitur.
3. It-tagħrif mogħti fl-iskeda tat-tagħrif jista' jingħata bħala kopja tat-tikketta, stampata bil-kulur jew bl-abjad u l-iswed. Meta dan ikun il-każ, għandu jingħata wkoll it-tagħrif imniżżel fil-punt 1 li ma jkunx diġà muri fuq it-tikketta.

ANNEX V

Id-dokumentazzjoni teknika**A. ID-DOKUMENTAZZJONI TEKNIKA GĦALL-FRAN DOMESTIĊI**

1. Id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(iii) għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:
 - (a) isem il-fornitur u l-indirizz tiegħu;
 - (b) deskrizzjoni ġenerali tal-mudell tal-apparat li tkun biżżejjed biex dan jiġi identifikat faċilment u mingħajr ambig-wità, inkluż l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, jiġifieri l-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' forn domestiku minn mudelli oħrajn tal-istess marka kummerċjali jew bl-isem tal-istess fornitur li għandhom valuri ddikjarati differenti għal xi wieħed mill-parametri inklużi fit-tikketta għall-forn domestiku (il-punt 1 tal-Anness III);
 - (c) il-parametri tekniċi għall-kejl, kif ġej:
 - (i) l-għadd ta' kavittajiet, il-volum ta' kull kavità, is-sors (jew is-sorsi) tas-sħana għal kull kavità, u l-funzjoni (jew il-funzjonijiet) tat-tisħin għal kull kavità (konvenzjonali u/jew bil-konvezzjoni tal-arja sfurzata);
 - (ii) il-konsum tal-enerġija għal kull ċiklu għal kull kavità, jekk dan ikun disponibbli, fil-modalità Konvenzjonali u fil-modalità Konvezzjoni bil-fann mixgħul; il-konsum tal-enerġija mkejjel għandu jingħata f'kWh (għall-fran li jaħdmu bl-elettriku u bil-gass) u f'MJ (għall-fran li jaħdmu bil-gass), u għandu jitqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali;
 - (iii) l-indiċi tal-effiċjenza enerġetika ($EEL_{kavità}$) għal kull kavità tal-forn domestiku, ikkalkulat skont il-punt 1 tal-Anness II u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;
 - (iv) il-klassi tal-effiċjenza enerġetika għal kull kavità tal-forn domestiku, kif iddefinita fit-Tabella 1 tal-Anness I;
 - (d) kopja tal-kalkolu u r-riżultati tal-kalkoli magħmulin skont l-Anness II;
 - (e) fejn ikun xieraq, ir-referenzi tal-istandards armonizzati użati;
 - (f) fejn ikun xieraq, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra użati;
 - (g) l-identifikazzjoni u l-firma tal-persuna li jkollha s-setgħa torbot lill-fornitur.
2. Il-fornituri jistgħu jinkludu taġġir addizzjonali fi tmiem il-lista mogħtija hawn fuq.

B. ID-DOKUMENTAZZJONI TEKNIKA GĦALL-ESTRATTURI TAL-KUKERS DOMESTIĊI

1. Id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 3(1)(b)(iii) għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:
 - (a) isem il-fornitur u l-indirizz tiegħu;
 - (b) deskrizzjoni ġenerali tal-mudell tal-apparat li tkun biżżejjed biex dan jiġi identifikat faċilment u mingħajr ambig-wità, inkluż l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, jiġifieri l-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' estrattur tal-kukers domestiku minn mudelli oħrajn tal-istess marka kummerċjali jew bl-isem tal-istess fornitur li għandhom valuri ddikjarati differenti għal xi wieħed mill-parametri inklużi fit-tikketta għall-estrattur tal-kukers domestiku (il-punt 2 tal-Anness III);
 - (c) il-parametri tekniċi għall-kejl, kif ġej:
 - (1) l-indiċi tal-effiċjenza enerġetika ($EEL_{estrattur}$), ikkalkulat skont il-punt 2 tal-Anness II u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;
 - (2) il-klassi tal-effiċjenza enerġetika, kif iddefinita fit-Tabella 2 tal-Anness I;
 - (3) il-konsum annwali tal-enerġija ($AEC_{estrattur}$), ikkalkulat skont il-punt 2 tal-Anness II u mogħti f'kWh fis-sena u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;
 - (4) il-fattur ta' żieda fil-ħin (f), ikkalkulat skont il-punt 2 tal-Anness II u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;
 - (5) l-effiċjenza fluwidodinamika ($FDE_{estrattur}$), ikkalkulata skont il-punt 2 tal-Anness II u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;
 - (6) il-klassi tal-effiċjenza fluwidodinamika, kif iddefinita fit-Tabella 3 tal-Anness I;
 - (7) ir-rata tal-fluss tal-estrattur tal-kukers domestiku mkejla fil-punt tal-effiċjenza massima (Q_{BEP}), mogħtija f'metri kubi fis-sieġha u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;

- (8) id-differenza fil-pressjoni statika tal-estrattur tal-kukers domestiku mkejla fil-punt tal-effiċjenza massima (P_{BEP}), mogħtija f'Pa u mqarriba għall-eqreb numru sħiħ;
 - (9) il-kontribut tal-enerġija elettrika tal-estrattur tal-kukers domestiku mkejjel fil-punt tal-effiċjenza massima (W_{BEP}), mogħti f'Watts u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;
 - (10) il-luminazzjoni medja tas-sistema tat-tidwil fuq il-wiċċ għat-tisjir (E_{medja}), mogħtija f'lux u mqarriba għall-eqreb numru sħiħ;
 - (11) il-konsum nominali tal-enerġija tas-sistema tat-tidwil fuq il-wiċċ għat-tisjir (W_L), mogħti f'Watts u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;
 - (12) l-effiċjenza tat-tidwil imkejla ($LE_{estrattur}$), ikkalkulata skont il-punt 2 tal-Anness II u mogħtija f'lux għal kull Watt u mqarriba għall-eqreb numru sħiħ;
 - (13) il-klassi tal-effiċjenza tat-tidwil, kif iddefinita fit-Tabella 4 tal-Anness I;
 - (14) l-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet imkejla ($GFE_{estrattur}$), ikkalkulata skont il-punt 2 tal-Anness II u mqarriba għal ċifra wara l-punt deċimali;
 - (15) il-klassi tal-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet, kif iddefinita fit-Tabella 5 tal-Anness I;
 - (16) jekk ikun applikabbli, il-konsum tal-enerġija fil-modalità Mitfi (P_o), mogħti f'Watts u mqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali;
 - (17) jekk ikun applikabbli, il-konsum tal-enerġija fil-modalità Stennija (P_s), mogħti f'Watts u mqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali;
 - (18) l-emissjonijiet akustiċi tal-qawwa tal-ħoss fl-arja, ippeżati għall-frekwenza A, fil-veloċità minima u massima tal-apparat disponibbli waqt użu normali, mogħtija f'dB u mqarribin għall-eqreb numru sħiħ;
 - (19) l-emissjonijiet akustiċi tal-qawwa tal-ħoss fl-arja, ippeżati għall-frekwenza A, meta l-apparat ikun qed jitħaddem bl-użu tal-modalità intensiva jew ta' qawwa addizzjonali, mogħtija f'dB u mqarribin għall-eqreb numru sħiħ, jekk ikun hemm it-tali emissjonijiet;
 - (20) il-valuri tal-fluss tal-arja tal-estrattur tal-kukers domestiku fil-veloċità minima u massima tal-apparat disponibbli waqt użu normali, mogħtija f'metri kubi fis-siegħa u mqarribin għal ċifra wara l-punt deċimali;
 - (21) il-fluss tal-arja tal-estrattur tal-kukers domestiku meta dan ikun qed jitħaddem bl-użu tal-modalità intensiva jew ta' qawwa addizzjonali, mogħti f'metri kubi fis-siegħa u mqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali, jekk ikun hemm it-tali fluss;
- (d) kopja tal-kalkoli u r-riżultati tal-kalkoli magħmulin skont l-Anness II;
 - (e) fejn ikun xieraq, ir-referenzi tal-istandards armonizzati użati;
 - (f) fejn ikun xieraq, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra użati;
 - (g) l-identifikazzjoni u l-firma tal-persuna li jkollha s-setgħa torbot lill-fornitur.
2. Il-fornituri jistgħu jinkludu tagħrif addizzjonali.
-

ANNEX VI

It-tagħrif li għandu jingħata f'każijiet fejn l-utent aħħari ma jistax jiġi mistenni jara l-prodott għall-wiri, ħlief fuq l-Internet

A. IL-FRAN DOMESTIĊI

1. It-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(b) għandu jingħata fl-ordni li ġejja:
 - (a) isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;
 - (b) l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, jiġifieri l-identifikatur tal-mudell tal-forn domestiku speċifiku li għalih japplikaw iċ-ċifri mogħtija hawn taħt;
 - (c) il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-mudell għal kull kavità, kif iddefinita fit-Tabella 1 tal-Anness I; il-klassi ddikjarata m'għandhiex tkun iktar favorevoli mill-klassi rrapportata fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (d) il-konsum tal-enerġija għal kull ċiklu għal kull kavità, jekk dan ikun disponibbli, fil-modalità Konvenzjonali u fil-modalità Konvezzjoni bil-fann mixgħul; il-konsum tal-enerġija mkejjel għandu jingħata f'kWh (għall-fran li jaħdmu bl-elettriku u bil-gass) u f'MJ (għall-fran li jaħdmu bil-gass), u għandu jitqarreb għal żewġ ċifri wara l-punt deċimali; il-valur iddikjarat m'għandux ikun inqas mill-valur irrappurtat fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (e) l-għadd ta' kavitàjiet, is-sors (jew is-sorsi) tas-sħana għal kull kavità u l-volum ta' kull kavità.
2. Meta jingħata wkoll tagħrif ieħor li jkun jinsab fl-iskeda tat-tagħrif tal-prodott, dan għandu jkun fil-forma u fl-ordni speċifikati fl-Anness IV.
3. It-tagħrif kollu msemmi f'dan l-Anness għandu jkun stampat jew muri b'daqs u tipa li jkunu leġġibbli.

B. L-ESTRATTURI TAL-KUKERS DOMESTIĊI

1. It-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 4(2)(b) għandu jingħata fl-ordni li ġejja:
 - (a) isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;
 - (b) l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, jiġifieri l-identifikatur tal-mudell tal-estrattur tal-kukers speċifiku li għalih japplikaw iċ-ċifri mogħtija hawn taħt;
 - (c) il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-mudell, kif iddefinita fit-Tabella 2 tal-Anness I; il-klassi ddikjarata m'għandhiex tkun iktar favorevoli mill-klassi rrapportata fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (d) il-konsum annwali tal-enerġija tal-mudell f'kWh, kif iddefinit fil-punt 2.1. tal-Anness II; il-valur iddikjarat m'għandux ikun inqas mill-valur irrappurtat fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (e) il-klassi tal-effiċjenza fluwidodinamika tal-mudell, kif iddefinita fit-Tabella 3 tal-Anness I; il-klassi ddikjarata m'għandhiex tkun iktar favorevoli mill-klassi rrapportata fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (f) il-klassi tal-effiċjenza tat-tidwil tal-mudell, kif iddefinita fit-Tabella 4 tal-Anness I; il-klassi ddikjarata m'għandhiex tkun iktar favorevoli mill-klassi rrapportata fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (g) il-klassi tal-effiċjenza tal-filtrazzjoni tal-grassijiet tal-mudell, kif iddefinita fit-Tabella 5 tal-Anness I; il-klassi ddikjarata m'għandhiex tkun iktar favorevoli mill-klassi rrapportata fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V;
 - (h) l-emissjonijiet akustiċi tal-qawwa tal-ħoss fl-arja, ippeżati għall-frekwenza A (valur medju ppeżat - L_{WA}), ta' estrattur tal-kukers domestiku fil-veloċità minima u massima tal-apparat disponibbli waqt użu normali, mogħtija f'dB u mqarrbin għall-eqreb numru shif; il-valur iddikjarat m'għandux ikun inqas mill-valur irrappurtat fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness V.
2. Meta jingħata wkoll tagħrif ieħor li jkun jinsab fl-iskeda tat-tagħrif tal-prodott, dan għandu jkun fil-forma u fl-ordni speċifikati fl-Anness IV.
3. It-tagħrif kollu msemmi f'dan l-Anness għandu jkun stampat jew muri b'daqs u tipa li jkunu leġġibbli.

ANNEX VII

It-tagħrif li għandu jingħata fil-każ tal-bejgħ, il-kiri jew ix-xiri bin-nifs fuq l-Internet

1. Għall-għanijiet tal-punti 2 sa 5 ta' dan l-Anness għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) "mekkaniżmu għall-wiri" tfisser kwalunkwe skrin li jintuża biex l-utenti jintwerew il-kontenut fuq l-Internet, inklużi l-iskrins tattili jew teknoloġija viżiva oħra;
 - (b) "wiri ta' ħaġa ġo oħra" tfisser interfaċċja viżiva li fiha wieħed ikollu aċċess għal stampa jew sett tad-dejta billi jagħfas fuq stampa oħra jew sett tad-dejta ieħor bil-maws, jew billi jmur bil-maws fuq dik l-istampa l-oħra jew fuq dak is-sett tad-dejta l-ieħor jew billi iwessa' dik l-istampa l-oħra jew dak is-sett tad-dejta l-ieħor fuq l-iskrin tattilu;
 - (c) "skrin tattilu" tfisser skrin li jaħdem billi jintmiss bħal dak tat-tablets, tal-kompjuters tat-tip slate u tal-ismartfowns;
 - (d) "test alternattiv" tfisser test li jingħata bħala alternattiva għall-istampi, li jippermetti li t-tagħrif jintwera b'mod mhux grafiku f'każ li l-apparat għall-wiri ma jkunx jista' juri l-istampa, jew li jingħata biex jappoġġa l-aċċessibilità għat-tagħrif, bħal, pereżempju, biex jiddaħħal fl-applikazzjonijiet għall-produzzjoni artifiċjali tal-vuċi.
2. It-tikketta x-xierqa li l-fornituri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku skont l-Artikolu 3(1)(a)(vi) jew l-Artikolu 3(1)(b)(vi) għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu għall-wiri qrib il-prezz tal-prodott skont l-iskeda taż-żmien stabbilita fl-Artikolu 3(3). Fil-każ tal-fran, għandha tintwera t-tikketta x-xierqa għal kull kavità tal-forn. Id-daqs tat-tikketta għandu jkun tali li hija tkun tidher u tinqara b'mod ċar, u għandu jkun proporzjonat mad-daqs mogħti fl-Anness III. It-tikketta tista' tintwera billi jintuża l-wiri ta' ħaġa ġo oħra. F'dak il-każ, l-istampa li għandha tintuża biex wieħed ikollu aċċess għat-tikketta għandha tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-punt 3 ta' dan l-Anness. Jekk jintuża l-wiri ta' ħaġa ġo oħra, it-tikketta għandha tidher mal-ewwel hekk kif wieħed jagħfas darba bil-maws, jew hekk kif wieħed imur bil-maws fuq l-istampa l-oħra jew is-sett tad-dejta l-ieħor jew hekk kif wieħed iwessa' dik l-istampa l-oħra jew dak is-sett tad-dejta l-ieħor darba fuq l-iskrin tattilu.
3. L-istampa li għandha tintuża biex wieħed ikollu aċċess għat-tikketta fil-każ tal-wiri ta' ħaġa ġo oħra għandha:
 - (a) tkun vleġġa li jkollha l-istess kulur bħall-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott fuq it-tikketta;
 - (b) turi l-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott bl-abjad fuq il-vleġġa, bl-istess daqs bħad-daqs tal-prezz; u
 - (c) tkun f'wieħed miż-żewġ formati li ġejjin:



4. Fil-każ tal-wiri ta' ħaġa ġo oħra, is-sekwenza li biha tintwera t-tikketta għandha tkun din li ġejja:
 - (a) l-istampa msemmija fil-punt 3 ta' dan l-Anness għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu ta' wiri qrib il-prezz tal-prodott;
 - (b) l-istampa għandha tagħmel kollegament mat-tikketta;
 - (c) it-tikketta għandha tintwera wara li l-utent jagħfas l-istampa bil-maws, jew imur bil-maws fuq l-istampa jew iwessa' dik l-istampa fuq l-iskrin tattilu;
 - (d) it-tikketta għandha tintwera billi tinfetaħ kaxxa oħra, folja ("tab") ġdida jew paġna ġdida fuq l-iskrin, jew billi tintwera permezz ta' skrin ieħor fuq l-istess skrin;
 - (e) għat- tkabbir tat-tikketta fuq l-iskrins tattili, għandhom japplikaw il-konvenzjonijiet tal-apparat għat- tkabbir bil-mess;
 - (f) it-tikketta għandu jkollha għażla biex tingħalaq jew mekkaniżmu ieħor standard biex tingħalaq sabiex ma tibqax tintwera;
 - (g) it-test alternattiv għall-istampa, li għandu jintwera jekk l-istampa ma tintweriex, għandu jkun il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott, muri bl-istess daqs bħad-daqs tal-prezz.
5. L-iskeda tat-tagħrif ix-xierqa tal-prodott li l-fornituri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku skont l-Artikolu 3(1)(a)(vii) jew l-Artikolu 3(1)(b)(vii) għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu għall-wiri qrib il-prezz tal-prodott. Id-daqs ta' din l-iskeda tat-tagħrif għandu jkun tali li jidher u jinqara b'mod ċar. L-iskeda tat-tagħrif tal-prodott tista' tintwera billi jintuża l-wiri ta' ħaġa ġo oħra. F'dak il-każ, il-ħolqa li għandha tintuża biex wieħed ikollu aċċess għall-iskeda tat-tagħrif għandha tkun immarkata b'mod ċar u li jista' jinqara bil-kliem "L-iskeda tat-tagħrif tal-prodott". Jekk jintuża l-wiri ta' ħaġa ġo oħra, l-iskeda tat-tagħrif tal-prodott għandha tidher mal-ewwel hekk kif wieħed jagħfas darba bil-maws, jew hekk kif wieħed imur bil-maws fuq il-ħolqa jew hekk kif wieħed iwessa' dik il-ħolqa darba fuq l-iskrin tattilu.

ANNEX VIII

Proċedura biex l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jiċċekkjaw il-konformità tal-prodotti

Għall-għanijiet tal-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura li ġejja:

1. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jittestjaw apparat wieħed għal kull mudell.
2. Il-mudell għandu jitqies li jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli:
 - (a) jekk il-valuri u l-klassijiet mogħtija fuq it-tikketta u fl-iskeda tat-tagħrif tal-prodott ma jkunux aktar favorevoli għall-fornitur mill-valuri mogħtija fid-dokumentazzjoni teknika, inklużi fir-rapporti tat-testijiet, u
 - (b) jekk it-testijiet tal-parametri rilevanti tal-mudell juru, filwaqt li jiġu applikati t-tolleranzi mniżżlin fit-Tabella 6, li hemm konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri kollha.
3. Jekk ma jinkisibx ir-riżultat imsemmi fil-punt 2(a), il-mudell u l-mudelli ekwivalenti kollha għandhom jitqiesu li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament.
4. Jekk ma jinkisibx ir-riżultat imsemmi fil-punt 2(b), l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jagħżlu tliet apparati oħra tal-istess mudell biex dawn jiġu ttestjati. Bħala alternattiva, it-tliet apparati l-oħra li jintgħażlu jistgħu jkunu ta' mudell wieħed jew aktar li jkunu tniżżlu fid-dokumentazzjoni teknika tal-fornitur bħala prodotti ekwivalenti.
5. Il-mudell għandu jitqies li jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli jekk it-testijiet tal-parametri rilevanti tal-mudell imniżżlin fit-Tabella 6 juru li hemm konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri kollha.
6. Jekk ma jinkisibx ir-riżultat imsemmi fil-punt 5, il-mudell u l-mudelli ekwivalenti kollha għandhom jitqiesu li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tagħrif dwar ir-riżultati tat-testijiet u t-tagħrif rilevanti l-ieħor lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien xahar minn meta tittieħed id-deċiżjoni dwar il-fatt li l-mudell ma jkunx konformi.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu mogħtija fl-Anness II.

It-tolleranzi stabbiliti f'dan l-Anness, li jirrappreżentaw id-differenzi permessi fir-riżultati tal-kejl miksubin mit-testijiet tal-verifika, għandhom japplikaw biss għall-verifika tal-parametri mkejla mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u m'għandhomx jintużaw mill-fornitur huwa u jstabilixxi l-valuri mogħtija fid-dokumentazzjoni teknika jew huwa u jinterpreta dawn il-valuri sabiex il-prodott jikseb livell ogħla fl-iskala tal-effiċjenza enerġetika għal fuq it-tikketta jew sabiex huwa jkun jista' jgħid, bi kwalunkwe mod, li l-prodott għandu prestazzjoni aħjar.

It-Tabella 6

Tolleranzi tal-verifika

Parametri mkejla	Tolleranzi tal-verifika
Il-massa tal-forn (M)	Il-valur stabbilit m'għandux jaqbeż il-valur ta' M iddikjarat b'iktar minn 5 %.
Il-volum tal-kavità tal-forn (V)	Il-valur stabbilit m'għandux ikun iktar minn 5 % inqas mill-valur ta' V iddikjarat.
$EC_{kavità tal-elettriku}$, $EC_{kavità tal-gass}$	Il-valur stabbilit m'għandux jaqbeż il-valur ta' $EC_{kavità tal-elettriku}$, $EC_{kavità tal-gass}$ iddikjarat b'iktar minn 5 %.
W_{BEP} , W_L	Il-valur stabbilit m'għandux jaqbeż il-valur ta' W_{BEP} , W_L iddikjarat b'iktar minn 5 %.
Q_{BEP} , P_{BEP}	Il-valur stabbilit m'għandux ikun iktar minn 5 % inqas mill-valur ta' Q_{BEP} , P_{BEP} iddikjarat.
Q_{max}	Il-valur stabbilit m'għandux jaqbeż il-valur ta' Q_{max} iddikjarat b'iktar minn 8 %.
E_{medja}	Il-valur stabbilit m'għandux ikun iktar minn 5 % inqas mill-valur ta' E_{medja} iddikjarat.
$GFE_{estrattur}$	Il-valur stabbilit m'għandux ikun iktar minn 5 % inqas mill-valur ta' $GFE_{estrattur}$ iddikjarat.
P_o , P_s	Il-valur stabbilit għall-konsum tal-enerġija, P_o u P_s , m'għandux jaqbeż il-valur iddikjarat b'iktar minn 10 %. Meta l-valur stabbilit għall-konsum tal-enerġija, P_o u P_s , ikun ta' 1,00 W jew inqas, dan m'għandux jaqbeż il-valur iddikjarat b'iktar minn 0,10 W.
Il-livell ta' qawwa tal-ħoss, L_{WA}	Il-valur stabbilit m'għandux jaqbeż il-valur iddikjarat.